II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' April 2007

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżjorja ta' protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja

(2007/311/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż, it-tieni sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, biex tiftaħ in-negozjati ma' l-Alġerija bil-għan li taġġusta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) In-negozjati ġew konklużi b'mod li tqies sodisfaċenti mill-Kummissjoni.

(3) It-test tal-Protokoll innegozjat mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija jipprovdi, fl-Artikolu 8(2), għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fid-dawl tal-konklużjoni possibli tiegħu aktar tard, u jiġi applikat proviżorjament,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) mogħtija s-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja [1].

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha hawnhekk jaqblu li japplikaw proviżorjament it-termini tal-Protokoll, fid-dawl tal-konklużjoni possibli tiegħu aktar tard.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' April 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ZYPRIES

[1] Ara l-protokoll mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.